**19 ta' Jannar, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Lawrence Ancilleri

## Konfiska tal-*Corpus Delicti*

*L-artikolu 23(1) tal-Kodiċi Kriminali jittratta dwar il-konfiska tal-*corpus delicti *limitatament għas-sejbien ta' ħtija ta' delitt. L-artikolu applikabbli fil-każ ta' kontravvenzjonijiet huwa l-artikolu 344(a) ta' l-istess kodiċi u l-konfiska taħt dan l-artikolu mhix tassattiva għaliex il-liġi tgħid li "jistgħu" u mhux 'għandhom" jiġu kkonfiskati l-oġġetti in kwistjoni.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni talli fit-8 ta' Diċembru, 1993 ħa sehem f'logħob ta' l-ażżard u ta' l-interess jew issieħeb ma' lagħba f'dik ix-xorta ta' logħob bi ksur ta' l-artikolu 338(h) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Bit-talba li l-Qorti barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna l-konfiska tal-flus u l-oġġetti li hemm fil-logħob kif ukoll l-għodod jew mezzi oħra tal-logħob imsemmi fil-paragrafu (h) ta' l-artikolu 338 u dan skond l-artikolu 334(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tas-17 ta' Frar, 1994 li biha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ddeċidiet hekk: "issib l-akkuża ppruvata u għalhekk issibu ħati u tikkundannah Lm25 ammenda iżda dwar il-konfiska fil-każ in eżami ta' l-oġġetti esebiti f'Dokument "A" tordna waqt li fil-fatt f'dan il-każ kif inhuma ċ-ċirkostanzi l-flus ma kinux fil-logħob u għalhekk mhux qed tordna l-konfiska tagħhom";

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-Avukat Ġenerali talab li din il-Qorti tirriforma dik is-sentenza billi tordna l-konfiska ta' l-oġġetti

esebiti fid-dokument "A" liema ordni l-ewwel Qorti ma tatux;

Rat l-atti l-oħrajn fosthom il-verbal li bih l-imputat appellat eċċepixxa l-inappellabilita` tas-sentenza da parti ta' l-Avukat Ġenerali;

Itrattata din l-eċċezzjoni, tikkunsidra dwarha illi:

L-aggravju ta' l-appellant jikkonsisti filli l-ewwel Qorti ma ordnatx il-konfiska ta' l-oġġetti esebiti, kif jirritjeni li kien tassattivament rikjest bl-artikolu 23(1) tal-Kodiċi Kriminali;

Jiġi rrilevat li dan l-artikolu jittratta mill-konfiska tal-*corpus delicti* limitatament għas-sejbien ta' ħtija ta' delitt. Mhux applikabbli fil-każ ta' kontravvenzjoni. L-imputat odjern bis-sentenza appellata ġie misjub ħati ta' kontravvenzjoni, ċjoe` li kien ħa sehem fil-logħob ta' l-ażżard bi ksur ta' l-artikolu 338(h) tal-Kodiċi Kriminali. Ma ġiex misjub ħati ta' delitt. Għalhekk l-artikolu 23(1) tal-Kodiċi Kriminali li fuqu ġie bbażat l-appell huwa rrilevanti għall-każ odjern;

Kwantu jirrigwarda l-konfiska, l-artikolu rilevanti fil-każ odjern huwa 344(a) tal-Kodiċi Kriminali. Dan jiddisponi: "Jistgħu jiġu maqbuda u kkonfiskati l-flus u l-oġġetti li jkunu fil-logħob, kif ukoll l-għodod jew mezzi oħra tal-logħob imsemmi fil-paragrafu (h) ta' l-artikolu 338 u kull flus li jinsabu fuq il-persuna li tagħmel reat taħt l-imsemmi paragrafu";

Jiġi nnotat l-ewwel nett li l-konfiska taħt l-artikolu 344 ċċitat, mhix tassattiva, għaliex il-liġi tgħid li "jistgħu" u mhux "għandhom" jiġu kkonfiskati l-oġġetti in kwistjoni. It-tieni nett jiġi nnotat relattivament għall-eċċezzjoni in eżami li l-ewwel Qorti ma ordnatx

il-konfiska billi, kif qalet fis-sentenza, "il-flus ma kinux fil-logħob". Din hija deċiżjoni ta' fatt li minnha l-Avukat Ġenerali m'għandux dritt ta' appell;

Jiġi rrilevat illi fl-aħħar mill-aħħar mill-atti odjerni ma jirriżultax li ġew esebiti ebda oġġetti;

Għalhekk tilqa' l-eċċezzjoni msemmija, tiddikjara l-apepll irritu u null u f'dan is-sens tiċħdu.